MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1463/2004

**Charles Tabone**

**vs**

**Frank Schembri**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta'Lulju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' hames mija u tletin lira Maltin (Lm530.00) dovuta mill-konvenut lill-attur u rapprezentanti bilanc ta' ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez u bl-mghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' hames mija u tletin lira Maltin (Lm530.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------